MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 4/2006

Silvio Zammit

Vs

Dr. Carmelo Galea bhala ezekutur tal-mejjet Charles Grech u Dr. Francesco Depasquale bhala mandatarju tal-imsiefra Carrie Anne u Trudie ahwa Grech

Il-Qorti,

**Interess Guridiku ta' attur li jikkontesta digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja li awtorizza l-bejgh ta' immobbli li kien jifforma parti minn eredita' li taghha l-attur kien ko-ezekutur testamentarju, meta l-attur kien b'digriet precedenti moghti mill-istess Qorti tnehha mill-kariga ta' ezekutur testamentarju.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-9 ta' Jannar 2006 li permezz taghha l-atturi ppremettew li:-

Permezz ta’ testment li sar fl-atti tan-nutar Paul George Pisani fil-31 ta’ Dicembru 1999, it-testatur Carmelo sive Charles Grech innomina lill-avukat Dr. Carmelo Galea u lill-attur Silvio Zammit bhala esekutur testamentarju tieghu.

Permezz ta’ rikors prezentat minn Dr. Francesco Depasquale bhala mandatarju ta’ l-ahwa Carrie-Ann u Trudie Grech, werrieta tal-mejjet Carmel sive Charles Grech giet mitluba r-revoka ta’ l-attur mill-kariga tieghu ta’ ezekutur testamentarju.

Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta’ digriet moghti fis-7 ta’ Lulju 2004 ordnat li l-attur Silvio Zammit jigi mnehhi minn ezekutur testamentarju minhabba *“nuqqas ta’ interess fl-eredita’ tal-imsemmi Charles Grech”*.

L-attur intavola proceduri li bihom qieghed jikkontesta t-tnehhija tieghu minn ezekutur testamentarju.

Wara li l-attur tnehha mill-inkarigu, l-ezekutur testamentarju l-iehor (il-konvenut Dr. Carmelo Galea) ghadda biex ipprezenta rikors ghall-bejgh tal-proprjeta’ Villa tat-Torri, Triq Gnien Xibla, Xaghra meta sa dakinhar kien dejjem irrifjuta kull offerta li l-attur Silvio Zammit kien gab ghall-bejgh tal-proprjeta’.

Meta l-attur sar jaf li gie prezentat dan ir-rikors huwa pprova jsir jaf kemm kienet l-offerta li saret izda r-Registru tal-Qorti ma ppermettitlux jara l-process li jirreferu ghall-atti tar-rikors numru 47/2005 prezentat minn Dr. Francesco Depasquale u dan peress li l-process ma kienx accessibbli ghall-pubbliku.

L-attur kellu offerta ferm superjuri ghal dik li kienet saret u nforma b’dan lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta’ rikors li pprezenta fil-5 ta’ Awwissu 2005.

Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Lulju 2005, awtorizzat ill-konvenuti sabiex jipprocedu ghall-konvenju u dan wara li rat li l-eredi tad-decujus Charles Grech ma kellhomx oggezzjoni.

Skond l-attur dan ma setax isir ghaliex l-eredi setghu jaghtu l-kunsens taghhom meta jaghlqu 45 sena u dan skond Artiklu 5 tat-testment ta' Charles Grech li sar fl-atti tan-nutar Paul George Pisani fil-31 ta' Dicembru 1999.

Wara l-attur ipprezenta mandat ta' inibizzjoni sabiex il-Qorti zzomm lill-konvenuti milli jkomplu ghaddejjin bil-pubblikazzjoni tal-kuntratti liema mandate igib in-numru 69/2005 fl-ismijiet Silvio Zammit vs Dr. Carmelo Galea nomine.

L-attur isostni li d-digriet moghti mill-Qorti fis-27 ta' Lulju 2005 li bih gie awtorizzat il-bejgh inghata fuq premessi zbaljati u mhux fl-ahjar interess tal-ezekutorija u l-istess eredi ta' Charles Grech.

Talab l-attur sabiex il-Qorti:-

1. Tirrevoka d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fis-27 ta' Lulju 2005 fir-rikors prezentat minn Dr. Francesco Depasquale nomine et bin-numru 47/2005.

2. Tordna li l-bejgh tal-proprjeta' Villa tat-Torri, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex issir wara li tinhareg sejha pubblika ghall-offerti fejn l-offerent lil gab l-attur jkollu l-opportunita' li jitfa' l-offerta ferm superjuri tieghu u b'hekk jingabu l-ahjar kundizzjonijiet ghall-ezekutorija ta' Charles Grech.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut Dr. Carmelo Galea fis-16 ta' Frar 2006 (fol. 16) fejn eccepixxa li:

1. Illi qabel xejn, l-esponenti jissolleva il-pregudizzjali tan-nuqqas ta' interess guridiku da parti ta' Silvio Zammit

fil-gestjoni tal-eredita' illi taghha l-esponenti huwa ezekutur testamentarju. Silvio Zammit la huwa eredi, nominat jew prezuntiv tal-mejjet Carmel Grech, u lanqas ma huwa ezekutur testamentarju tieghu fl-istat attwali tal-lum. Gie mnehhi minn dik il-funzjoni b'ordni tal-Qorti kompetenti minhabba illi huwa naqas illi jezegwixxi fedelment l-inkarigu tieghu. U l-fatt illi huwa ntavola citazzjoni sabiex jimpunja dik it-tnehhija xejn ma jbiddel minn dan l-istat ta' fatt. Per konsegwenza tas-suespost, f'Silvio Zammit jonqos l-element ta' interess guridiku necessarju sabiex huwa jkun jista' jitlob ir-revoka tad-degriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja li huwa qieghed effettivament jimpunja, u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat illi l-esponenti ma huwiex 'ezekutur' tal-mejjet Carmel sive Charles (u mhux semplicement 'Charles') Grech; izda ezekutur testamentarju tieghu. U jerga' jinghad illi l-esponenti mhux ezekutur testamentarju wahdu. L-attur jaf ben tajjeb illi f'dik il-kariga huwa akkompanjat minn Dr. Francesco Depasquale illi jircevi l-istruzzjonijiet tieghu direttament minghand l-eredi tal-mejjet.

3. Illi anke jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, il-premessi tac-citazzjonijiet huma korretti, dawn ma jwasslux sabiex jiggustifikaw it-talbiet attrici fl-istess citazzjoni.

4. Illi apparti il-hafna skorrettezzi ta' fatt illi bihom hija infestata ic-citazzjoni, l-esponenti jirrivela ukoll illi l-attur mhux korrett meta jghid illi l-eredi setghu biss jaghtu il-kunsens taghhom meta jaghlqu hamsa u erbghin sena: huwa fatt illi il-hames artikolu tat-testment ta' Carmel Grech jghid illi l-eredi gew nominati taht il-kondizzjoni illi, jaghlqu il-hamsa u erbghin (45) sena ta' eta'. Pero' huwa fatt ukoll illi dawn l-eredi nominati it-tnejn ghandhom l-ulied, u ghalhekk jekk xi hadd minnhom imut qabel ma jilhaq l-eta' ta' 45 sena, il-wirt jghaddi direttament fuq uliedhom, u mhux fuq xi hadd iehor kif donnu qieghed jinsinwa Silvio Zammit. U la darba l-eredi taw il-kunsens

taghhom ghall-bejgh, kif tajjeb irrimarkat il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, l-ezekuturi testamentarji jistghu jghaddu ghall-bejgh minghajr ebda htiega illi l-bejgh isir bis-sistema tal-irkant pubbliku, u dan fit-termini tal-artikolu 771 tal-Kodici Civili.

5. L-attur naqas illi jiddikjara illi l-Mandat ta' Inibizzjoni intavolat minnu, Mandat Nru. 69/2005, gie michud minn din l-Onorabbli Qorti propja ghaliex huwa naqas illi juri, anke fi grad ta' *prima facie*, illi ghandu xi jeddijiet jew interess jintrometti ruhu fil-gestjoni tal-ezekutorja ta' Carmel Grech.

6. Finalment, l-esponenti jixtieq jaghmel daqsxejn ta' riljev dwar l-elenku tax-xhieda ta' Silvio Zammit. Bis-solitu mod tieghu Silvio Zammit naqas illi jindika kemm l-isem tal-kumpannija kif ukoll l-isem tar-rapprezentat tal-istess kumpannija illi skond huwa suppost ghamlet offerta ferm aktar vantaggjuza minn dik kontenuta fil-konvejnu iffirmat. Dan meta huwa certament jaf din l-identita'. Ghalhekk mhux biss dawn ix-xhieda mhumiex ammissibbli fil-ligi. Imma dan l-atteggjament ikompli juri in-nuqqas ta' serjeta' ta' Silvio Zammit fl-intromissjoni tieghu fl-ezekutorija ta' Silvio Zammit. Dwar dan l-esponenti japprofondixxi aktar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat li l-konvenut nomine l-iehor ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Silvio Zammit vs Dr. Francesco Depasquale nomine** (Cit. numru 20/2005) u tar-rikorsi numru 24/2005, 41/2004, 47/2005, 59/2004, 55/2006 li saru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet li gew prezentati.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob li l-Qorti tirrevoka digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fis-27 ta' Lulju 2005 fl-atti tar-rikors prezentat minn Dr. Francesco Depasquale bin-numru 47/2005 u sabiex il-Qorti tordna li l-bejgh tal-fond Villa tat-Torri, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex isir wara li tinhareg sejha pubblika ghall-offerti.

2. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) B'testment li sar fl-atti tan-nutar Paul George Pisani fil-31 ta' Dicembru 1999 (fol. 7), l-attur kien (flimkien mal-avukat Dr. Carmelo Galea) gie nominat bhala ezekutur testamentarju ta' Carmelo sive Charles Grech sabiex ***"…jamministraw l-assi ereditarji tieghu sakemm tavverra ruhha l-kondizzjoni sospensiva fin-nomina ta' l-eredi teighu…."*** (fol. 8). Permezz tal-Hames Artikolu t-testatur innomina bhala eredi universali tieghu lill-uliedu Carrie-Anne u Trudy ahwa Grech *"…fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom, u dan taht il-kondizzjoni sospensiva li l-eredi nominati jilhqu l-eta' ta' hamsa u erbghin (45) sena. Ghaldaqstant kull wahda mill-eredi tkun tista' tippercepixxi sehemha mill-eredita' kif appena hija taghlaq tali eta'"* (fol. 8). It-testment jikkontempla wkoll li jekk xi hadd minn ulied it-testatur imut qabel jaghlaq l-eta' ta' hamsa u erbghin (45) sena, is-sehem taghha jghaddi ghand uliedha fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom u fin-nuqqas ta' wlied ikun hemm akkrexximent favur il-wild l-ohra. Sahansitra pprovda wkoll li f'kaz li z-zewgt itfal imutu qabel jaghlqu hamsa u erbghin (45) sena u minghajr tfal, it-testatur innomina lil hutu bhala werrieta tieghu.

(b) Carmelo sive Charles Grech miet fis-16 ta' Awwissu 2000;

(c) B'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fis-7 ta' Mejju 2004[1], l-attur gie mnehhi mill-kariga tieghu ta' ezekutur testamentarju. Fid-digriet jinghad- *"Tordna li ai termini tal-artikolu 776 tal-Kap. 16 li l-ko-ezekutur Silvio Zammit jigi mnehhi minn esekutur stante in-nuqqas fl-eredita tal-imsemmi Charles Grech"* (fol. 113 tal-atti tar-rikors). Dan wara rikors li sar minn **"Dr. Francesco Depasquale bhala mandatarju**

[1] Rikors numru 41/2004

**tal-ahwa Carrie-Ann u Trudie Grech, werrieta tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech"** fejn talab lill-Qorti sabiex *"tiehu dawk il-mizuri kollha ikkontemplati fil-Ligi partikolarment 776 tal-Kap. 16, fil-konfront ta' Silvio Zammit, sabiex l-interessi tal-eredita' jigu protetti"*;

(d) Permezz ta' citazzjoni prezentata fit-2 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet **Silvio Zammit vs Dr. Francesco Depasquale nomine** (Cit. numru: 22/2005PC), l-attur qieghed jikkontesta d-digriet li bih gie mnehhi minn ezekutur testamentarju ta' Carmelo sive Charles Grech. F'dik il-kawza (li ghadha pendenti) it-talbiet huma li:-*"1. Tirrevoka d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fis-sebgha (7) ta' Mejju 2004 li permezz tieghu l-attur tnehha minn ezekutur testamentarju tal-mejjet Charles Grech. 2. Torda illi l-attur jerga' jigi nominat bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Charles Grech u dana skond id-disposizzjonijiet testamentarji ta' l-istess Charles Grech kif kontenuti fit-testment tieghu tal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999)"*. F'dawk il-proceduri l-attur qieghed jilmenta li l-Qorti hadet decizjoni wara li semghet biss lill-avukat Dr. Francesco Depasquale u l-ezekutur testamentarju l-iehor (Dr. Carmelo Galea). Spjega wkoll li fis-seduta li kienet giet appuntata mill-Qorti (6 ta' Mejju 2004) ma kienx deher ghaliex mill-ufficcju legali tad-difensur tieghu kien gie nfurmat li s-seduta kienet ghas-7 ta' Mejju 2004. Inoltre, ppremetta li m'huwiex minnu li kellu nuqqas ta' nteress in kwantu kien beda wkoll numru ta' proceduri legali sabiex jigi accertat li l-eredita' tad-decujus tigi salvagwardjata bl-ahjar mod possibbli;

(e) Permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Lulju 2005 (atti rikors 47/2005), il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja awtorizzat lil *"Dr. Francesco Depasquale u Dr. Carmelo Galea bhala ezekuturi tal-mejjet Carmel sive Charles Grech"* sabiex jersqu ghall-konvenju ghall-bejgh tal-fond Villa tat-Torri, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex wara rikors prezentat f'dan is-sens fit-30 ta' Mejju 2005. Fid-digriet jinghad:*"Rat illi l-eredi tad-decujus ma kellhomx oggezzjoni sabiex ir-rikorrent jghaddi ghall-konvenju esebit fl-atti kif jidher mid-Dok. B anness; Konsegwentement tilqa' t-talba u tordna li*

*r-rikavat tal-bejgh jigi depozitat f'kont fiss sabiex sussegwentement jithalsu d-debiti tal-eredita' u l-legati u tordna lir-rikorrenti jippreparaw il-causa mortis tad-decujus u oltre previa li l-art in kwistjoni tigi stmata mill-AIC Valerio Schembri"*. Sussegwentement permezz ta' digriet iehor moghti fis-7 ta' Marzu 2006 fl-atti tal-istess rikors (47/2005) inghata digriet iehor dwar ir-rikors prezentat fit-30 ta' Mejju 2005: *"Tilqa' t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti jghaddu ghall-iffirmar tal-ftehim propost mar-rikors odjern tat-30 ta' Mejju 2005"*;

(f) Permezz ta' rikors prezentat fl-4 ta' Lulju 2006 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja li sar minn *"Dottor Carmelo Galea u Dottor Francesco Depasquale bhala ezekuturi testamentarji tal-mejjet Carmel sive Charles Grech"* saret talba sabiex ir-rikorrenti jigu awtorizzati *"jidhru fuq il-kuntratt finali in ezekuzzjoni tal-konvenju gia iffirmat minnhom, u dan a bazi tal-minuta tal-istess kuntratt hawn annessa animo ritirandi; u immedjatament wara jibghatu l-ammont ta' Lm200,000 (mitejn elf lira maltija) fl-esteru lil Carrieann Abbas u Trudy Grech"*. B'digriet moghti fis-6 ta' Lulju 2006 il-Qorti ddikjarat – *"Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizza lill-istess rikorrenti jiddisponu mill-prelegati imsemmija fit-testment a favur ta' ulied Charles Grech fl-ammont ta' mitt elef lira Maltin (Lm100,000) kull wiehed lil Carrieann Abbas u Trudy Grech"*;

(g) Jirrizulta li l-fond Villa tat-Torri, Triq Gnien, Xibla, Xaghra Ghawdex inbiegh. Fil-fatt fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 *"Dr. Carmelo Galea iddikjara li l-kuntratt ta' vendita gie ppubblikat in segwitu ghad-digriet moghti mill-Qorti…."* (fol. 35). Fatt li ma giex kontestat u kif wara kollox gie konfermat mill-kopja tal-att ta' vendita li giet ezebit fl-20 ta' Novembru 2007. Il-kuntratt ta' bejgh gie pubblikat fis-7 ta' Lulju 2006 fl-atti tan-nutar Dr. Michael Refalo;

3. Minn qari tac-citazzjoni prezentata mill-atturi, jirrizulta li l-motivi ghalfejn ghamel din il-kawza huma fis-segwenti premessi:-

(a) L-attur kellu offerta **"ferm superjuri"** ghal dik li saret u li kienet il-meritu tar-rikors numru 47/2005;

(b) Il-Qorti ma setatx tikkunsidra, fl-ghoti tad-digriet tas-27 ta’ Lulju 2005, li wlied it-testatur ma kienux qeghdin jopponu ghall-bejgh propost in kwantu setghu jaghtu l-kunsens taghhom *“meta jaghlqu hamsa u erbghin sena (45) u dan ai termini tal-Artiklu 5 tat-testment ta’ Charles Grech li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fil-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru 1999”*.

Ghalhekk l-attur isostni li d-digriet moghti fis-27 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu l-Qorti awtorizzat lill-konvenuti sabiex ***“…jipprocedu ghal konvenju tal-bejgh tal-fond imsemmi inghata fuq premessi zbaljati u mhux fl-ahjar interess tal-ezekutorija u l-istess eredi ta’ Charles Grech”*** (fol. 2). Tant hu hekk li permezz tat-tieni talba l-attur qieghed jitlob li l-bejgh jerga’ jsir wara li terga’ tinhareg sejha pubblika ohra.

4. Fil-kawza **Neg. Albert Victor Bartoli proprio et nomine vs Edwin Zammit Tabona et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-24 ta’ Marzu 1961 (Vol. XLV.i.58) gie konfermat li: *“presuppost specifiku tal-azzjoni gudizzjarja huwa l-interess guridiku, il-fatt, cjoe’, kwantu ghall-attur, illi minghajr intervent tal-organi gurisdizzjonali,* ***huwa jsofri dannu ngust****. Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghall-ezercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti; irid juri li mill-kawza huwa jirritraji utilita’ rikonoxxuta mil-ligi”*. Il-Qorti kompliet tghid li *“il-mizura tal-istess interess hija determinata u cirkoskritta mit-termini tac-citazzjoni, mill-obbjett tad-domanda (petitum), u mill-motivi ndikati fic-ctiazzjoni”*. Hekk ukoll fil-kawza **Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana** deciza fit-3 ta’ Dicembru 1984, il-Qorti ta’ l-Appell osservat li l-interess ghandu jirrizulta mic-citazzjoni.

M’hemmx dubju li fid-data li nghata d-digriet li awtorizza l-bejgh tal-proprjeta’, l-attur ma kienx ghadu jokkupa l-kariga ta’ ezekutur testamentarju. Kariga li fiha jagixxi mhux fl-interess personali tieghu imma bhala amministratur. Fil-kawza fl-ismijiet **Loris Bianchi proprio et nomine vs Elenita Zammit** deciza mill-Qorti ta’ l-

Appell, l-ezekutur testamentarju gie deskritt bhala *“mandatarju sui generis”* li ghandu jzomm ruhu fil-limiti tal-inkarigu tieghu u *“m’ghandu ebda fakulta’ ohra hlief dawk necessarji ghall-adempiment tad-disposizzjonijiet testamentarji”*. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Contessa Maria Teresa Apap Bologna Gatto vs Avukat Dr. Joseph Reynaud et deciza mill-Qorti** ta’ l-Appell fit-28 ta’ Gunju 1967 (Vol. XLI.i.433) rega’ gie konfermat li l-ezekutur testamentarju hu mandatarju bi dmir u obbligu li jezegwixxi t-testment. Dan qieghed jinghad fl-ottika tal-principju li l-interess ta’ parti li tiftah kawza jrid jibqa’ jintwera tul il-kawza kollha ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista’ tissokta (Qorti ta’ l-Appell, **Michaelangelo Bond vs Carmelo Mangion et** deciza fis-27 ta’ Mejju 1991 – Vol. LXXV.ii.385). Bl-istess mod sal-gurnata tal-lum l-attur ghadu ma jokkupax il-karig ta’ ezekutur testamentarju, minkejja l-fatt li ntavola kawza sabiex il-Qorti thassar id-digriet moghti fis-7 ta’ Mejju 2004 li bih tnehha minn din il-kariga u qieghed jitlob li jerga’ jigi appuntat ezekutur testamentarju skond id-disposizzjonijiet testamentarji li ghamel it-testatur permezz tat-testment li sar fl-atti tan-nutar Paul George Pisani fil-31 ta’ Dicembru 1999.

L-attur ma jistax jaghmel kawza biex jiddefendi l-interessi tal-wirt u/jew tal-werrieta eventwali tat-testatur kif jidher li ghamel meta fid-9 ta’ Jannar 2006 ipprezenta din il-kawza. Fit-testment hu gie nominat bhala ko-ezekutur testamentarju sabiex flimkien ma’ Dr. Carmelo Galea **jamministra l-assi ereditarji** ta’ Carmelo sive Charles Grech. Fl-istadju li nghata d-digriet li awtorizza l-bejgh, l-attur ma kienx ghadu jokkupa tali kariga u ghalhekk ma kienx wiehed mill-amministraturi tal-patrimonju ta’ Carmelo sive Charles Grech. F’dak l-istadju kien hemm hadd iehor li kellu l-interess guridiku li jamministra l-patrimonju li kien jifforma parti mill-eredita ta’ Carmelo sive Charles Grech. Il-fatt li persuna titnehha mill-kariga ta’ ezekutur u tikkontesta d-digriet tal-Qorti, ma jfissirx li fil-mori ta’ dawk il-proceduri l-amministrazzjoni tal-eredita’ tieqaf sakemm tinghata sentenza li ssir gudikat. Inoltre, lanqas ma jfisser li dak li jkun sar fl-intervall ghandu jitregga lura fl-eventwalita’ li l-Qorti terga’ taghti lura l-

kariga ta' ezekutur testamentarju lill-persuna li tnehhiet mill-kariga. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li m'hemm l-ebda garanzija li t-talba tal-attur fil-kawza l-ohra, sabiex jerga' jinghata l-kariga ta' ezekutur testamentarju, ser tigi milqugha. Ghalkemm il-Qorti tista' tasal biex tifhem li l-attur ghandu f'mohhu li jizgura li l-ahhar volonta' tat-testatur tigi rispettata, u dan in kwantu jsostni li sal-gurnata tal-lum Carrie Ann u Trudie ahwa Grech ghadhom m'humiex eredi ta' missierhom, pero' b'daqshekk ma jatihx xi drittijiet ta' amministrazzjoini jew li jintavola kawza biex jikkontesta digriet li bih gie awtorizzat il-bejgh ta' proprejta' li tifforma parti mill-assi ereditarji tad-decujus. Mill-atti jirrizulta li Carrie Ann twieldet fit-8 ta' Awwissu 1973 (fol. 93) filwaqt li Trudie twieldet fis-6 ta' April 1973 (fol. 74). It-testatur innomina lil uliedu bhala werrieta tieghu *".... u dan taht il-kondizzjoni sospensiva li l-eredi nominati jilhqu l-eta' ta' hamsa u erbghin (45) sena. Ghaldaqstant kull wahda mill-eredi tkun tista' tippercepixxi sehema mill-eredita' kif appena hija taghlaq tali eta'"* (fol. 8). Interessanti hi l-kwistjoni jekk din id-disposizzjoni testamentarja hijiex:-

(a) Wahda li qeghda tissospendi l-ezekuzzjoni tat-testment iktar u iktar meta tqies li t-testatur ordna li sakemm uliedu jaghlqu l-eta' ta' 45 sena ghandhom jibqghu *"jippercepixxu ugwalment u indivizament bejniethom l-introjtu nett kull sena mill-amministrazzjoni ta' l-assi tieghu mill-ezekuturi testamentarji hawn taht nominati"* (fol. 8); jew

(b) Kondizzjoni sospensiva li tkun tfisser li wlied it-testatur ghadhom m'humiex werrieta ta' missierhom, dan mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt li t-testatur ipprovda l-mod kif ghandu jiddevolvi l-wirt tieghu f'kaz li wliedu jmutu qablu jew qabel ma jaghlqu l-eta' ta' 45 sena. Skond l-Artikolu 716 tal-Kodici Civili (Kap. 16), *"Kull disposizzjoni f'testment maghmula taht kondizzjoni li tkun tiddependi minn grajja mhix zgura, u lit kun tali li fil-hsieb tat-testatur id-disposizzjoni m'ghandhiex tiswa hlief fil-kaz li dik il-grajja tigri jew ma tigrix, tibqa' bla effett, kemm-il darba l-persuna, li favur taghha tkun giet maghmula tmut qabel ma ssehh il-kondizzjoni"*.

Pero' l-Qorti ma tqiesx li dan hu meritu li ghandu jigi trattat f'dawn il-proceduri. Fil-kawza **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine** deciza fit-28 ta' Frar, 1997, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament soffert mill-attur b'konsegwenza ta' dak l-agir. Kif wisq tajjeb spjega l-gurista Mortara, *"l'interesse ad agire o difendersi e' dunque un interesse giuridico; vale a dire, non puo' consistere **nel semplice godimento altruistico** e tutto intellettuale di procurare la ripristinazione dell'impero di una norma giuridica violate; ma deve concretarsi anzitutto nella possibilita' che chi agisce sia il sogetto del diritto che mediante la decisione della controversia vuole riconosciuto"* (*Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile*, Vol. II pagna 589).

5. Inoltre, mill-provi jirrizulta li r-rikors numru 47/2005 gie degretat b'mod finali fis-7 ta' Marzu 2006 u mhux fis-27 ta' Lulju 2005. Osservazzjoni li qeghda ssir in kwantu f'dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob biss ir-revoka tad-digriet moghti fis-27 ta' Lulju 2005. Tajjeb li f'dan l-istadju jigi riprodott dak li jinghad fiz-zewg digrieti:-

***27 ta' Lulju 2005 fl-atti tar-rikors numru 47/2005***:-

*"Il-Qorti,*
*Rat ir-rikors u dokumenti esebiti;*
*Rat illi l-eredi tad-decujus ma kellhomx oggezzjoni sabiex ir-rikorrent jghaddi ghall-konvenju esebit fl-atti kif jidher mid-dok. B anness;*
*Konsegwentement tilqa' t-talba u tordna li r-rikavat tal-bejgh jigi depozitat f'kont fiss sabiex sussegwentement jithallsu d-debiti tal-eredita' u l-legati u tordna lir-rikorrenti jippreparaw il-causa mortis tad-decujus u oltre previa li l-art in kwistjoni tigi stmata mill-AIC Valerio Schembri"*.

***7 ta' Marzu 2006 fl-atti tar-rikors numru 47/2005***:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors;*

*Rat l-atti kollha tal-process odjern kif ukoll dawk konnessi mar-rikors numru 24/2005.*

*Tilqa' t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti jghaddu ghall-iffirmar tal-ftehim propost mar-rikors odjern tat-30 ta' Mejju 2005"*.

Digriet iehor li awtorizza lir-rikorrenti (Dr. Francesco Depasquale u Dr. Carmelo Galea bhala ezekuturi tal-mejjet Carmel sive Charles Grech) sabiex jiffirmaw il-konvenju ghall-bejgh tal-fond Villa tat-Torri, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex.

Sussegwentement, fl-4 ta' Lulju 2006, l-istess rikorrenti pprezentaw rikors iehor (numru 55/2006) li permezz tieghu talbu lill-Qorti sabiex tawtorizzahom *"jidhru fuq il-kuntratt finali in ezekuzzjoni tal-konvenju gia iffirmat minnhom, u dan a bazi tal-minuta tal-istess kuntratt hawn annessa animo ritirandi……"*. Din il-minuta kellha xi tibdil mill-konvenju li gie ffirmat, u b'digriet moghti fis-6 ta' Lulju 2006 il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u sahansitra awtorizzathom jqassmu flus li thallew mit-testatur bi prelegati favur uliedu. Kif rajna, il-bejgh sar permezz tal-att li gie pubblikat fis-7 ta' Lulju 2006.

Mela hu evidenti wkoll li huma x'inhuma c-cirkostanzi, l-ezitu ta' dawn il-proceduri ma jista' jkollhom l-ebda utilita'. Jidher bic-car li l-iskop wara din il-kawza hu li l-proprjeta' terga' tigi offruta ghall-bejgh, tant li din hi proprju t-tieni talba tac-citazzjoni. Fatt konfermat mill-attur stess fl-affidavit li ghamel, ***"ghaldaqstant, fl-ahjar interess tal-esekuterija u l-eredi ta' Charles Grech qieghed nitlob ir-revoka tad-digriet li jawtorizza il-bejgh tal-Villa tat-Torri, Gnien Xibla, Xaghra, lil Scicluna Enterprises (Gozo) Ltd u b'hekk taghmilha possibbli ghall-persuni li lesti ihallas mitejn elf lira (Lm200,000) aktar ghal din il-proprjeta' li jixtruha"*** (enfazi tal-attur) (fol. 22). Haga li l-Qorti ma tistax tordna mehud ukoll in konsiderazzjoni tad-digrieti li nghataw fis-7 ta' Marzu 2006 u tas-7 ta' Lulju

2006. Digrieti li kif rajna m'huwiex jintalab ir-revoka taghhom f'dawn il-proceduri. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward, l-ezitu ta' din il-kawza ma jista' thalli ebda effett utli, apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-kuntratt ta' bejgh gie pubblikat fis-7 ta' Lulju 2006.

6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur jissemmew tlett ragunijiet ghalfejn l-attur ighid li ghandu nteress guridiku li jaghmel il-kawza prezenti, cjoe' ghaliex:-

(a) **irid jithallas ta' xogholu** – pero' mic-citazzjoni hu evidenti li l-kawza ma gietx impostata fuq din il-kawzali u li l-attur m'huwiex ifittex ghall-interessi personali tieghu. Il-Qorti terga' ttenni li l-interess guridiku hu fil-kawza kif tigi proposta mill-attur u fil-kuntest tat-talbiet kif ikunu gew impostati fl-istess att, u mhux dak li l-attur ighid li hu f'nota ta' sottomissjonijiet;

(b) **l-ezekuturi testamentarji attwali qeghdin jirrifjutaw li jhallsu l-legati, fosthom dak imholli lil martu** – mill-provi ma rrizulta l-ebda ness bejn il-bejgh tal-fond u din l-allegazzjoni. F'kull kaz il-kawzali li fuqha saret ic-citazzjoni hi differenti u inoltre, f'dan l-istadju l-attur m'ghandu l-ebda jedd li jintrometti ruhu fl-amministrazzjoni tal-assi tat-testatur. Dan apparti l-fatt li l-legat ma thallix lilu imma fi kliemu stess, lil martu;

(c) **martu tista' tkun wahda mill-werrieta jekk ma jigrux il-kondizzjonijiet kontemplati fit-testment** – ghalkemm hemm possibilita' li dan issehh, il-probabilita' hi remota in kwantu rrizulta li wlied it-testatur ghandhom it-tfal. F'kull kaz pero' l-Qorti terga' ttenni li f'dan l-istadju l-attur ma jistax jirraprezenta l-interessi tal-eredita' in kwantu tnehha minn ezekutur testamentarju. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li jista' hemm proceduri ohra pendenti fejn qieghed jitlob li jerga' jinghata l-kariga ta' ezekutur testamentarju, ma jfissirx b'daqshekk li jaghti xi jedd li jaghmel proceduri bhal dawk odjerni. Dan apparti l-fatt li l-attur m'ghandux dritt li jaghmel proceduri fl-interess ta' haddiehor, f'dan il-kaz martu li sal-lum zgur li m'ghandha l-ebda jeddijiet fl-eredita' ta' Carmelo sive Charles Grech.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ghalhekk tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------